VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,721, 19 ta' Ottubru, 2021
Taqsima B

A.L. 391 tal-2021

ORDINANZA DWAR IĊ-ĊERTIFIKATI TAL-KONDOTTA (KAP. 77)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 tal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Ordinanza". Kap. 77.

Jemenda r-Raba' Skeda li tinsab mal-Ordinanza.

2. Fir-Raba' Skeda li tinsab mal-Ordinanza, minnufih wara l-partita "Id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal" għandhom jiżdiedu l-partiti ġodda li ġejjin:

"Id-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ).

Aġenzija Sedqa.".